



## Dħul fil-kariga ta' tliet Membri ġodda fil-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Diċembru 2021, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ħatru, bħala Mħallfin tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, għall-perijodu mit-22 ta' Diċembru 2021 sal-31 ta' Awwissu 2025, lil Damjan Kukovec, Suzanne Kingston li qiegħdha tissostitwixxi lil Anthony Collins u, għall-perijodu mit-22 ta' Diċembru 2021 sal-31 ta' Awwissu 2022, lil Ioannis Dimitrakopoulos li qiegħed jissostitwixxi lil Dimitrios Gratsias.

Illum ser tinżamm udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-okkażjoni tad-dħul fil-kariga tal-membri l-ġodda.

L-udjenza solenni ser tixxandar b'mod dirett min-12.00 fis-sit aċċessibbli permezz tal-link segwenti:  
<https://c.connectedviews.com/cdj>

### ***Curriculum vitae tal-membri l-ġodda***

#### **Damjan Kukovec**

Imwiedel fl-1977 f'Ljubljana (is-Slovenja), Damjan Kukovec kiseb diploma fid-dritt mill-Fakultà tal-Liġi tal-Universita v Ljubljani (l-Università ta' Ljubljana, is-Slovenja) fl-2001 kif ukoll master fid-dritt mill-Harvard Law School (Fakultà tal-Liġi tal-Università ta' Harvard, l-Istati Uniti) fl-2002. Huwa f'din l-Università li huwa wettaq studji ta' dottorat, u fejn iddefenda t-teżi tiegħu fl-2015.

Fl-2002, huwa beda l-karriera professjonalie tiegħi bħala ġurista fil-Više sodišče v Ljubljani (il-Qorti tal-Appell ta' Ljubljana, is-Slovenja) u eżerċita dawn il-funzjonijiet sal-2004. Matul is-sena 2004, kien ġurista fi ħdan il-Qorti Speċjalisti għal Sjerra Leone (Freetown, Sjerra Leone) kif ukoll fl-Ustavno sodišče (il-Qorti Kostituzzjoni, is-Slovenja).

Fl-2005, D. Kukovec daħal fis-servizz tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea bħala ġurista qabel ma ngħaqad mas-Servizz Legali tal-Kummissjoni Ewropea mill-2006 sal-2018.

D. Kukovec fl-istess ħin iddedika ruħu għal karriera universitarja permezz tal-eżerċizzju ta' diversi attivitajiet ta' tagħlim tad-dritt Ewropew. Bejn l-2011 u l-2013, huwa kien assistant kelliem f'konferenzi u sussegwentement kelliem f'konferenzi fil-Harvard Law School. Sussegwentement huwa għallem f'diversi universitajiet tad-dritt madwar id-dinja, fosthom il-FGV Direito Rio, Rio de Janeiro (il-Fakultà tal-Liġi tal-Fondazzjoni Getulio Vargas, Rio de Janeiro, il-Brażil) fl-2014, il-University of Kent's Brussels School of International Studies (il-Brussels School of International Studies tal-Università ta' Kent, il-Belġju) fl-2016, l-Institut universitaire européen (l-Istitut Universitarju Ewropew) ta' Firenze (l-Italja) fl-2016 u fl-2017, kif ukoll l-Universita v Ljubljani (l-Università ta' Ljubljana) bejn l-2018 u l-2020. Mill-2018, D. Kukovec kien wkoll lettur anzjan tad-dritt u direttur assoċjat tal-programm ta' dottorat fi ħdan il-Middlesex University f'Londra (l-Università ta' Middlesex, ir-Renju Unit).

D. Kukovec huwa l-awtur ta' numru ta' pubblikazzjonijiet fid-dritt tal-Unjoni Ewropea. Huwa regolarmen jiġi mistieden bħala kelliem f'konferenzi minn universitajiet madwar id-dinja.

D. Kukovec inħatar Imħallef fil-Qorti Ġenerali fit-13 ta' Jannar 2022.

### **Suzanne Kingston**

Imwiedla fl-1977 f'Dublin (I-Irlanda), Suzanne Kingston kisbet diploma fid-dritt mill-University of Oxford (I-Università ta' Oxford, ir-Renju Unit) fl-1998 kif ukoll master fid-dritt mill-Universiteit Leiden (I-Università ta' Leiden, il-Pajjiżi I-Baxxi) fl-2000. Sussegwentement, hija bdiet l-istudji ta' dottorat fid-dritt f'din l-università tal-aħħar, fejn iddefendiet it-teżi tagħha fl-2009.

Fl-1998, hija ġiet awtorizzata teżerċita l-funzjonijiet ta' Barrister fl-Honourable Society of Gray's Inn, Londra (ir-Renju Unit). Fl-2002, hija ngħaqdet bħala avukat mal-uffiċċju fi Brussell ta' uffiċċju internazzjonal tal-avukati, fejn ipprattikat il-professjoni legali sal-2004.

Sussegwentement, S. Kingston daħlet fis-servizz tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea bħala référendaire mal-Avukat Ġenerali Leendert Geelhoed, li miegħu hija kkollaborat mill-2004 sal-2006.

S. Kingston ġiet awtorizzata teżerċita l-funzjonijiet ta' Barrister fl-Honourable Society of King's Inns, Dublin (I-Irlanda) fl-2007. Hija eżerċitat il-professjoni ta' avukat fil-Kamra tal-Avukati tal-Irlanda mill-2007 bħala Barrister, u sussegwentement bħala Senior Counsel.

Barra minn hekk, S. Kingston għallmet id-dritt fi ħdan il-University College Dublin (il-Kulleġġ Universitarju ta' Dublin, I-Irlanda) bħala lettriċi anzjana mill-2007 sal-2015, u sussegwentement, mill-2015, bħala professoressa. Matul il-karriera universitarja tagħha, hija għallmet ukoll f'universitajiet oħra, b'mod partikolari fil-Columbia University (I-Università ta' Columbia, I-İstati Uniti), fil-Cambridge University (I-Università ta' Cambridge, ir-Renju Unit), fl-Universiteit Leiden (I-Università ta' Leiden), kif ukoll fl-Osgoode Hall Law School of York University in Toronto (I-Osgoode Hall Law School tal-Università ta' York f'Toronto, il-Kanada). Hija l-awtriċi ta' numru ta' pubblikazzjonijiet fid-dritt tal-Unjoni Ewropea.

S. Kingston inħatret Imħallef fil-Qorti Ġenerali fit-13 ta' Jannar 2022.

### **Ioannis Dimitrakopoulos**

Imwieded fl-1971 f'Ateni (il-Greċja), Ioannis Dimitrakopoulos kiseb, fl-1992, diploma fid-dritt mill-Ethniko kai Kapodistriako Panepistimio Athinon (I-Università Nazzjonali u ta' Kapodistrias ta' Ateni, il-Greċja) u kkompleta l-istudji tiegħu permezz ta' master fid-dritt mogħti mill-Università Paris II Panthéon-Assas (I-Università ta' Pariġi II Panthéon-Assas, Franza) fl-1994.

Wara li ġie ammess fil-Kamra tal-Avukati fl-1995, I. Dimitrakopoulos eżerċita l-professjoni ta' avukat sal-1997.

Fl-1998, huwa daħal fis-servizz tas-Symvoulion tis Epikrateias (il-Kunsill tal-Istat, il-Greċja) bħala uffiċjal tas-smiġħ u okkupa l-kariga ta' maître des requêtes mill-2005 sal-2022. Fl-istess waqt li eżerċita dawn il-funzjonijiet, huwa kien membru tal-kumitat "Ippjanar u organizzazzjoni" tas-Symvoulion tis Epikrateias (il-Kunsill tal-Istat) mill-2009 sal-2010. Fl-2005, huwa ngħaqad mal-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew (Strasbourg, Franza) għal perijodu ta' tliet snin u hemmhekk eżerċita l-funzjonijiet ta' konsulent legali prinċipali qabel ma ngħaqad mill-ġdid mas-Symvoulion tis Epikrateias (il-Kunsill tal-Istat) fl-2008.

Bejn I-2010 u I-2020, I. Dimitrakopoulos okkupa wkoll il-funzjonijiet ta' President supplenti tal-Bord tal-Appell tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (Helsinki, il-Finlandja).

Mill-2014 sal-2015, huwa nħatar Imħallef awżiljarju fi ħdan l-Anotato Eidiko Dikastirio (il-Qorti Suprema Speċjali, il-Greċja) u l-Eidiko Dikastirio tou arthrou 88 par. 2 tou Syntagmatos (il-Qorti Speċjali Stabbilita Skont l-Artikolu 88(2) tal-Kostituzzjoni Griega). Barra minn hekk, huwa eżerċita l-funzjonijiet ta' Viċi President mal-assoċjazzjoni tal-imħallfin tas-Symvoulion tis Epikrateias (il-Kunsill tal-Istat) bejn I-2014 u I-2016.

Barra minn hekk, I. Dimitrakopoulos iddedika ruħu għar-riċerka u għat-tagħlim: mill-2003 sal-2004, kien Senior Visiting Fellow fil-University of California, Berkeley (Università ta' California f'Berkeley, l-Istati Uniti) u f'din il-kwalitā, għallem korsijiet fid-dritt Ewropew tal-ambjent kif ukoll fid-dritt komparativ. Mill-2010, huwa wkoll professur fl-Ethniki Scholi Dikastikon Leitourgon (l-Iskola Nazzjonali tal-Maġistratura, il-Greċja). Huwa l-awtur ta' numru ta' pubblikazzjonijiet, li jirrigwardaw b'mod partikolari d-dritt Ewropew u d-drittijiet fundamentali.

I. Dimitrakopoulos inħatar Imħallef fil-Qorti Ġeneral fit-13 ta' Jannar 2022.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*